**QORTI TAL-APPELL**

**(Sede Inferjuri)**

**Onorevoli Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**

**B.A. Mag. Jur. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta tal-Gimgha, 8 ta' Novembru, 2019**

**Appell numru: 17/2017**

**Wara sentenza tal-Arbitragg Mandatorju EW3806/13TSC**
**datata 20 ta' Marzu, 2017**

**Automated Revenue Management Services Limited (C46054)**

**vs.**

**Dr. Frank Portelli**

**Il-Qorti**

1. Illi dan huwa appell minn decizjoni ta' Arbitragg Mandatorju datata 20 ta' Marzu, 2017 fejn gie deciz kif isegwi:

*'Ghal dawn il-motivi, l-Arbitru sottoskritta tilqa' l-eccezzjoni tal-intimat illi mhuwiex il-legittimu kontradittur u konsegwentement tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju. Stante illi s-sorte kien ferm ikbar izda saru diversi pagamenti akkont mill-intimat tul dawn il-proceduri ta' arbitragg, li b'hekk jimplika illi kien accetta illi kien debitur tar-rikorrenti fl-ammont imhallas minnu, l-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri ta' arbtiragg, ghandhom jigu sopportati nterament u esklussivament mill-intimat, hlief ghall-ispejjez mandat ta' sekwestru billi ma ngabitx prova dwaru f'dawn il-proceduri.'*

2. Illi l-lodo appellat nghata wara li s-socjeta' appellanti Automated Revenue Management Services Limited (Arms Ltd.) rikorrenti fethet avviz ta' arbitragg fil-konfront tal-inimat appellat Dr. Frank Portelli fejn talbet il-hlas minghandu tas-somma komplessiva ta' tletin elf u sittin Euro u hamsa u erbghin centezmu (€30,060.45) li skont ir-rikorrenti tirrapprezenta bilanc minn somma akbar ghal-konsum ta' dawl u ilma, kera tal-meter tal-ilma u tal-elettriku, spejjez amministrattivi, disconnection fees, imghaxijiet u l-ispejjez ta' dawn il-proceduri flimkien mal-ispejjez ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju u mghaxijiet kummercjali. Is-somma originarjament mitluba giet ridotta permezz ta' nota ta' riduzzjoni datat 20 ta' Gunju, 2014 ghas-

somma ta' tnejn u ghoxrin elf, erba' mija u hamsa u erbghin Euro u tnejn u disghin centezmu (€22,445.92) (fol. 30 tal-atti tal-arbitragg), konsegwentement giet ulterjoment ridotta ghas-somma ta' hdax-il elf, mitejn u tlieta u hamsin Euro u ghaxar centezmi (€11,253.10).

Fir-risposti tieghu l-appellat intimat ikkontesta s-somma mitluba principalment abbazi ta' diversi pagamenti akkont li huwa sostna li saru kif ukoll allega li huwa ma kienx il-legittimu kontradittur fir-rigward ta' kont partikolari stante li t-talba odjerna tikkoncerna aktar minn kont wiehed.

4. Rat illi s-socjeta' rikorrenti ARMS Ltd. appellat mid-decizjoni u ressqet aggravju wiehed li fil-parti principali tieghu jaqra kif isegwi:

'Illi l-appellanti hija tabilhaqq zbalordita bis-sentenza tal-Arbitragg hekk kif dan erronjament qabel mal-appellat fid-difiza tieghu illi huwa ma huwiex il-legittimu kontradittur fir-rigward tal-kont numerat 101000067559, identifikat bhala l-kont tas-Synergene, meta mill-provi prodotti hareg bl-aktar mod ampju illi l-kont surriferit jinsab, fir-prezent, irregistrat fuq isem l-appellat Dr Frank Portelli' …

Fl-aggravju taghha s-socjeta' appellanti tkompli telabora dwar dan il-punt billi wkoll taghmel referenza ghax-xhieda tar-rapprezentant taghha Reuben Bonnici u targumenta li se mai kellu jkun l-appellat li jitlob il-kjamat fil-kawza tat-terz.

5. Rat illi l-appellat fir-risposta tieghu ghall-appell fl-ewwel lok eccepixxa d-dezerzjoni tal-appell ai termini tal-artikolu 963 tal-Kap. 12 stante li jsostni li l-proceduri bil-miktub ma nghalqux fiz-zmien perentorju ta' sena skont il-ligi w'ghalhekk id-decizjoni appellata ghandha tigi meqjusa bhala *res judicata*, fil-mertu tal-aggravju tal-appellanti l-appellat isostni li d-decizjoni hija gusta w'ghandha tigi konfermata.

6. Semghet it-trattazzjoni tal-appell tal-partijiet fis-seduta tat-28 ta' Gunju, 2019 u ddifferiet l-appell ghad-decizjoni ghal-lum.

**Konsiderazzjonijiet**

**Dezerzjoni:**

7. Illi fl-ewwel lok din il-Qorti trid tikkunsidra l-eccezzjoni procedurali mqajjma mill-appellat dwar l-allegata dezerzjoni tal-proceduri tal-appell da parti tas-socjeta' appellanti in vista tat-trapass taz-zmien sabiex inghalqu l-proceduri bil-miktub.

Rat l-artikolu 963 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta li appuntu jitratta d-dezerzjoni tal-kawzi u partikolarment rat is-subartikolu 3 li jaqra kif isegwi:

‘(3) Jekk, ukoll jekk ikunu ghaddew iz-zminijiet perentorji msemmijin fis-subartikolu (1), jinsab li l-proceduri bil-miktub f’kawza m’humiex maghluqa, il-qorti ghandha ghal darba wahda biss taghti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa sabiex l-istess proceduri jinghalqu kemm jista’ jkun malajr u sabiex jigi evitat illi l-kawza tmur dezerta minhabba f’xi nuqqas ta’ notifika jew minhabba f’xi nuqqas ta’ twettiq ta’ xi procedura jew forma.’

Rat mill-process tal-appell illi fis-sena 2017 wara li gie ntavolat l-appell odjern, saru zewg tentattivi ghan-notifika tal-intimat li kienu ghal xejn bir-raguni miktuba fir-referti tkun li ‘ma fetah hadd’. Rat ukoll illi fil-mument li din il-Qorti appuntat l-appell ghat-trattazzjoni, is-socjeta’ appellanti mill-ewwel hadet azzjoni sabiex jergghu jsiru tentattivi ohra ta’ notifika tal-appellant nhar il-15 ta’ Mejju, 2019 u nhar id-29 ta’ Mejju, 2019 (ara zieda ndikati fil-process tal-appell). L-ewwel wahda regghet kienet negattiva bir-raguni wkoll terga’ tkun li ‘ma fetah hadd’. Finalment kien biss fid-29 ta’ Mejju, 2019 li fl-istess indirizz fejn ghal diversi drabi ma fetah hadd, gie finalment notifikat l-intimat bl-appell odjern u dahlet ir-risposta tieghu datata 17 ta’ Gunju, 2019 u dan wara li kienet ukoll inghatat l-awtorizzazzjoni ghan-notifika bil-pubblikazzjoni u affissjoni.

Rat illi l-problemi bin-notifika tal-appellat ma kienux xi fenomenu biss fl-istadju ta’ appell izda l-Qorti kkonfermat illi anki fl-istadju ta’

arbitragg is-socjeta' rikorrenti kellha problemi sabiex tinnotifika lill-intimat tant li anki f'dan l-istadju kellha tirrikorri ghall-procedura ta' pubblikazzjoni u affissjoni sabiex jigi notifikat (ara fol. 14 tal-process tal-arbitragg).

Illi din il-Qorti tqis li l-Avviz tas-smiegh tal-appell jekwivali ghall-ordni li din il-Qorti ghandha kull poter li taghmel ai termini tal-artikolu 963 (3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex is-socjeta' appellanti tirregola ruhha dwar il-fatt li l-proceduri bil-miktub ma kienux ghadhom maghluqa. Fil-fatt da parti taghha din mill-ewwel hadet azzjoni u finalment irnexxielha tinnotifika lill-intimat sabiex b'hekk l-appellant lahaq dahhal ir-risposta tieghu fil-hin qabel is-smiegh tal-appell u b'hekk l-appell seta' jkompli minghajr problemi.

Illi din il-Qorti tqis li la darba s-socjeta' appellata rnexxielha wara hafna diffikultajiet tul il-proceduri kollha sabiex tinnotifika l-appellant u wkoll la darba l-ligi taghti l-Qorti s-setgha li nonostante li jkunu ghaddew iz-zminijiet perentorji ndikati fis-subartikolu (1) li taghti ordnijiet sabiex il-proceduri ma jaqghux dezerti minhabba f'xi nuqqas ta' notifika, per konsegwenza, ma tqisx li fil-kaz odjern l-appell ghandu jigi dikjarat dezert izda ghandu jkompli fil-mertu tieghu w'ghalhekk ser tghaddi sabiex tichad din l-eccezzjoni tad-dezerzjoni mqajjma mill-appellat.

**Mertu:**

8. Illi l-fatti u l-provi migbura fl-atti wara li saru disa' seduti mill-arbitru ghas-smiegh tal-provi jinsabu abilment elenkati fid-decizjoni tal-arbitragg appellata kif isegwi:

'Seduta Nru 1 . . . Dr Frank Portelli jaghti ruhu b'notifikat b'din is-seduta. Huwa spjega illi, xi ftit xhur ilu u cioe wara li nbdew dawn il-proceduri ta' arbitragg, huwa kien ghamel pagamenti ta' €6250 akkont tal-ammont dovut. Minkejja dan, kien qieghed jikkontesta l-pretensjonijiet tas-socjeta rikorrenti peress illi, fost l-ohrajn, il-pretensjonijiet kienu kkalkolati fuq stimi u mhux fuq qari attwali tal-meters. Infatti, huwa spjega illi, ricentement, kien sar qari tal-meters sabiex jinhareg il-kont attwali.

Reuben Bonnici ghas-socjeta rikorrenti kkonferma illi kienu saru pagamenti akkont u illi kien sar qari attwali tal-meters u kienu qed jinhadmu l-kontijiet attwali. Ghaldaqstant, il-probabilta kienet illi kien ser aggustament tal-pretensjonijiet tas-socjeta rikorrenti u ghalhekk, talab differiment fit-tul ghal dan l-iskop. Reuben Bonnici ghamel riferenza ghall-prospett (Dok "A") anness mal-talba li fih hemm elenkat il-hames fondi li dwarhom qed jintalab il-hlas.

Dr Sarah Rutter Giappone rrimarkat illi kienet tehtieg korrezzjoni fil-prospett peress illi l-kont li kien jirrigwarda l-fond 304, Villa Helen, Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar kien skorrett u ghalhekk, talbet illi dan jigi eventwalment sostitwit.

L-arbitragg qed jigi differit sabiex isiru l-korrezzjonijiet kollha mehtiega u tigi pprezentata nota ta' riduzzjoni, jekk ikun il-kaz, u prospett gdid korrett ghat-30 ta' Mejju 2014 fil-11.30 a.m. fl-ufficcju 20/1, Republic Street, Valletta VLT 1111.

Seduta Nru 2 …B'riferenza ghall-pagamenti akkont, Reuben Bonnici kkonferma illi kien sar pagament ta' €6250 qabel l-ahhar seduta u tliet (3) pagamenti ta' €250 kull wiehed akkont fil-mori ta' din is-seduta, b'kollox €7000. Dan il-pagament ta' €7,000 kien tnaqqis mill-kont numru 101000048689 li jkopri l-fond "Villa Portelli" gja "Helen House", 304, St Paul's Street, St Paul's Bay. Huwa pprezenta statement in sostenn ta' dan il-kont li qed jigi mmarkat Dokument RB1.

Rigward il-qari tal-meters li kellu jsir fil-mori ta' dan id-differiment, Reuben Bonnici nforma lill-Arbitru illi dan l-ezercizzju kien sar, pero' rrizulta illi l-qari ta' erba' mill-hames kontijiet kien korrett filwaqt illi l-uniku kont illi kellu jsir aggustament wara li sar il-qari kien dak bl-isem "Synergy", Pitkali Road, Attard (Kont Nru 101000067559) fejn l-ammont pretiz illum huwa ta' €10,638.57, u cioe tnaqqas fl-ammont ta' €614.53.

Reuben Bonnici pprezenta "updated statement of account" ta' dan it-tieni kont li jkopri l-fond li jinsab gewwa Pitkali Road, Attard bhala Dokument RB2. . . .
Sar qbil illi l-istatement li gie anness mat-talba (Dok "A") kellu jigi sostitwit in vista ta' indikazzjoni erronea ta' kont partikolari li jkopri "Villa Portelli" gja "Helen House", 304, Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar.

Reuben Bonnici pprezenta statements fir-rigward tal-accounts li jgibu n-numru 101000098377, 101000098461, u 101000180183 li gew immarkati Dokumenti RB3, RB4 u RB5 rispettivament;

Kopji tal-hames statements gew mghoddija lill-intimat seduta stante

Dr Abela ghandha tipprezenta nota ta' riduzzjoni fir-rigward tat-talba tas-socjeta rikorrenti fi zmien gimghatejn mil-lum.

L-arbitragg qed jigi differit ghat-2 ta' Lulju 2014 fil-12.00 p.m. sabiex l-intimat jiddikjara l-kontestazzjoni tieghu, jekk ikun il-kaz, u ghall-provi tar-rikorrenti.

Seduta Nru 3 …Dr Lydia Abela ghamlet riferenza ghan-nota ta' riduzzjoni pprezentata minnha fil-mori tal-ahhar differiment fejn irriduciet is-somma pretiza ghal €22,445.92. Oltre dan, hija pprezentat seduta stante, nota ta' riduzzjoni ohra mmarkata Dokument LA1 fejn is-somma pretiza llum hija ta' €22195.92, u dana stante pagament iehor ta' €250 fil-mori tad-differiment.

Oltre dan u b'riferenza ghal Dokument "A" anness mat-talba, Dr Lydia Abela pprezentat seduta stante kopja kkorregguta fejn hemm elenkati l-kontijiet kollha u s-somma originarjament pretiza u dana bhala Dokument LA2. Dan id-dokument ghandu jissostitwixx Dokument "A".

Dr Frank Portelli informa lill-Arbitru illi, oltre z-zewg pagamenti akkont li saru fil-mori tad-differimenti, huwa kien ghamel pagament iehor li komplessivament jammonta ghas-somma ta' €500, u dana permezz ta' zewg cekkijiet ta' €200 il-wiehed u cekk ta' €100.

Dr Portelli talab iz-zmien sabiex jispjega l-pozizzjoni tieghu fir-rigward ta' kull kont u cioe' jekk huwiex qed jikkontesta l-kontijiet kollha jew x'uhud minnhom.

Ghaldaqstant, huwa qed jinghata l-opportunita' jaghmel dan bil-miktub sa mhux iktar tard mill-15 ta' Awwissu 2014, fejn ghandu jipprezenta nota lic-Centru u jghaddi kopja bl-email lill-Arbitru u lir-rikorrenti. . . .

Seduta Nru 4 …

Dr Lydia Abela talbet iz-zmien sabiex tiehu konjizzjoni tan-noti pprezentati mill-intimat u sabiex tivverifika dwar il-pagamenti li allegatament saru u, f'tali kaz, tipprezenta nota ta' riduzzjoni.

Dr Lydia Abela talbet lill-intimat sabiex jissostanzja l-allegazzjonijiet tieghu kontenuti fin-noti tieghu b'dokumentazzjoni li jista' jkollu fil-pussess tieghu. . . .

Seduta Nru 5 …B'riferenza ghat-talba ta' Dr Abela sabiex l-intimat jissostanzja l-allegazzjonijiet tieghu kontenuti fin-noti tieghu b'dokumentazzjoni li jista' jkollu fil-pussess tieghu, l-intimat stqarr illi ma kellux tali dokumentazzjoni.

**Xehed Reuben Bonnici:**
In segwitu ghall-ahhar seduta, jiena ghamilt il-verifiki dwar in-noti pprezentati mill-intimat u jirrizultali s-segwenti:

Rigward il-kont bin-numru 101000098377, dan jirreferi ghall-Flat 1, Island Court, Triq tal-Veccja San Pawl il-Bahar. L-intimat allega illi kienet qed tigi imposta rata tat-tip "domestic" minflok "residential". Mill-verifiki li ghamilt ma jirrizultalix illi saret xi formola sabiex ir-rata tinbidel minn "domestic" ghal "residential".

Ghalhekk, il-bilanc illum huwa ta' €809.84. Qed nezebixxi l-ahhar kont li hareg flimkien ma' statement li qed jigi mmarkat Dok ARM1. Kopja nghatat lill-intimat seduta stante.

Rigward il-kont bin-numru 101000098461, dan jirreferi ghall-Flat 4, Island Court, Triq il-Veccja, San Pawl il-Bahar. Minn verifiki li ghamilt, ma jirrizultax illi saret xi formola sabiex ir-rata tinbidel minn "domestic" ghal "residential" billi qatt ma saret dikjarazzjoni dwar in-numru ta' persuni residenti f'dan il-fond.

Ghalhekk, il-bilanc dovut fuq dan il-kont illum huwa ta' €1370.05 u qed nesebixxi kopja tal-ahhar kont li nhareg, flimkien ma' statement li qed jigi mmarkat Dok ARM 2. Kopja nghatat lill-intimat seduta stante.

Rigward il-kont 101000180183, dan jirreferi ghall-garage 5, Trejqa tal-Veccja, San Pawl il-Bahar u dwar dan il-kont, giet applikata r-rata ta' "domestic" u mhux "residential" ghar-raguni li gja semmejt u cioe' illi qatt ma saret dikjarazzjoni ta' kemm-il resident kien hemm fil-fond.

Ghalhekk, il-bilanc dovut fuq dan il-kont illum huwa ta' €1739.16 u qed nesebixxi kopja tal-ahhar kont li nhareg, flimkien ma' statement li qed jigi mmarkat Dok ARM 3. Kopja nghatat lill-intimat seduta stante.

Rigward il-kont tal-villa li jgib in-numru 101000048690, dan jirreferi ghall-fond "Villa Helen", 304, Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar. Ghalkemm l-intimat jallega illi ghandhom jigu registrati tliet persuni f'dan il-fond, fil-fatt hemm zewg persuni li huma Dr Frank Portelli (ID 514744(M) u Jennifer Portelli (ID 388862(M)). F'dan il-kaz, il-kont qed jigi kkalkolat bir-rata residenzjali.

Ghalhekk, il-bilanc dovut fuq dan il-kont illum huwa ta' €17,015.68 u qed nesebixxi kopja tal-ahhar kont li nhareg, flimkien ma' statement li qed jigi mmarkat Dok ARM 4. Kopja nghatat lill-intimat seduta stante.

Fuq talba tal-intimat seduta stante, qed nesebixxi formola vojta tat-talba illi trid issir sabiex ir-rata ta' kwalunkwe kont jinqaleb minn "domestic" ghal "residential". Din qed tigi mmarkata ARM 5.

Seduta Nru 6 . . .B'riferenza ghat-talba ta' Dr Abela sabiex l-intimat jissostanzja l-allegazzjonijiet tieghu kontenuti fin-noti tieghu b'dokumentazzjoi li jista' jkollu fil-pussess tieghu, l-intimat stqarr illi ma kellux tali dokumentazzjoni.

**Xehed Reuben Bonnici bil-gurament:**

Nixtieq nippreciza illi, mill-ahhar seduta tat-22 ta' Ottubru 2015 sal-lum, l-intimat baqa' jaghmel pagamenti akkont tas-somma mitluba u tali pagamenti kienu qed isiru specifikatament ghall-kontijiet partikolari u dan kien qed jigi ndikat mal-pagamenti. Dr Portelli stess kien qed jindika mal-pagamenti liema kont ried illi jinqata' l-ammont offrut. Ghalhekk, obbliga ruhu illi, mal-eghluq tal-provi kien sejjer jaghmel nota ta' riduzzjoni flimkien mal-istatements ta' kull kont li jindikaw b'mod car dak illi kienet ghadha qed tippretendi s-socjeta' rikorrenti bhala ammont kif ukoll bhala mghaxijiet.

(F'dan l-istadju, Dr Portelli iddikjara ghall kull bwon fini illi ebda pagament ma kien sar fir-rigward tal-kont identifikat bhala tas-Synergene, peress illi l-ammont totali kien qed jigi kkontestat billi kien qed isostni illi ma kienx il-legittimu kontradittur fuq dan il-kont).

Illum qed nixhed specifikatament dwar il-kont 101000067559. Nippreciza illi dan in-numru tal-kont huwa numru ta' riferenza li nghata mill-kumpannija ARMS Limited izda precedentement, dan il-kont kien igib in-numru 584008340, liema numru kien nghata da parti tal-Water Services Corporation.

Dan il-kont ikopri l-fond li jgib l-isem "Synergy", Triq il-Pitkali, Attard u qed nipprezenta seduta stante b'kopja lill-intimat, statement li in parte jindika s-somma pretiza f'liri Maltin u l-parti iktar ricenti f'Euros. Kopja tal-istess qed tigi ezibita u mmarkata Dokument XYZ. Naghmel riferenza ghall-ammont ta'

Lm1857.01 indikat fit-tielet pagna u nispjega illi dan kien il-bilanc dovut f'liri Maltin meta l-munita ta' Malta nqalbet f'Euros u dan gie kkonvertit f'Euros fil-11 ta' Dicembru 2007 u gie mizjuda bhala bilanc fil-kont f'Euros li jiena esebejt u precizament f'pagna 2 u li qed jigi ndikat minni bi vlegga blu seduta stante.

B'riferenza ghat-tieni pagna tal-kont f'Euros, naghmel riferenza ghall-entry tal-5 ta' Marzu 2008 fejn sar pagament da parti tal-intimat fis-somma ta' €4350.80, u l-bilanc sa dak iz-zmien kien zero. Minn dakinhar sas-26 ta' Awwissu 2009, l-ammont pretiz tela' ghal €470.61 u minn dakinhar sal-lum, ma sarux iktar pagamenti. Nghid illi mill-5 ta' Marzu 2008 sal-lum, is-somom pretizi jirrapprezentaw konsum ta' ftit units u kera tal-meters tad-dawl u tal-ilma. Nipprometti illi nipprezenta permezz ta' email, statement aggornat li juri l-kontijijiet mis-26 ta' Awwissu 2009 sal-lum u li nghaddi kopja tal-istess lill-intimat.

Qed nipprezenta seduta stante formola li mtliet mill-intimat sabiex il-meters tad-dawl u tal-ilma koperti bil-kont in kwistjoni, jigu trasferiti a favur Mannie Pace, li kienet direttrici ta' Synergene Technologies Limited. Din qed tigi esebita bhala Dokument XYZ1 u kopja tal-istess qed tigi mghoddija seduta stante lill-intimat.

Nghid illi t-trasferiment qatt ma gie effetwat mill-Water Services Corporation minkejja illi Mannie Pace, bhala direttrici ta' Synergene Technologies Limited iddikjarat illi kienet ser tassumi r-responsabbilta' tal-kont in kwistjoni. Mistoqsija mill-Arbitru r-raguni ghal dan, jiena nghid illi Synergene Technologies Limited kienu sejrin jidhlu fil-fond bhala nkwilini u ghalhekk, kienet procedura li ghadha adottata sal-lum illi, t-trasferiment tal-kont huwa suggett ghall-hlas ta' depozitu ta' mitejn liri Maltin (Lm200) u, f'dan il-kaz, tali depozitu qatt ma sar. Mistoqsi x'passi ttiehdu wara illi dahlet din il-formola, nghid ili jiena ma kontx involut personalment f'din il-kwistjoni u ghalhekk, ma nistax nikkonferma x'passi ttiehdu

hlief illi nixhed minn dak li jirrizultali mill-file relattiv. Nghid illi, wara li giet pprezentata din il-formola, ma sibt ebda korrispondenza ohra, la mill-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma, la mill-ARMS u lanqas mill-intimat jew minn Synergene Technologies Limited.

Minn dakinhar sal-lum, baqghu jinhargu l-kontijiet u jintbaghtu fl-indirizz li diga' semmejt u cioe' Synergene, Triq il-Pitkali, Attard. Nghid illi, f'xi zmien, il-meter tad-dawl kien inqata' u ghandi nivverifika jekk il-meter tal-ilma giex maghluq ukoll.

Nipprometti illi naghmel verifiki sabiex nikkonferma min kien ghamel il-pagament ta' €4350.80 fil-5 ta' Marzu 2008. . . .

Seduta Nru 7 . .

**Reuben Bonnici xehed bil-gurament:**

Inkompli max-xhieda tieghi tal-ahhar seduta tas-7 ta' Jannar 2015 fejn ipprommettejt illi nesebixxi statement aggornat li juri l-kontijiet li jkopru l-fond "Synergene", Triq Pitkali, Attard mis-26 ta' Awwissu sal-lum u qed nesebixxi tali statements seduta stante u qed nghaddi kopja tal-istess lill-intimat. Dawn qed jigu mmarkati DOK XYZ2.

Nikkonferma illi dawn il-kontijiet huma f'isem l-intimat bl-indirizz tieghu ta' San Pawl il-Bahar filwaqt illi hemm l-indirizz fuq il-lemin ta' isem l-intimat u dan jindika l-indirizz li fuqu huwa ntestat il-kont.

Nghid illi kelli nivverifika d-data meta s-servizz tad-dawl gie sospiz u nghid illi, mill-verifiki li ghamilt fuq is-sistema taghna, jirrizulta illi s-sospenzjoni saret fil-11 ta' Settembru 2006.

Nippreciza illi nonostante s-sospenzjoni tas-servizz, baqghu johorgu numru ta' kontijiet b'kont ghall-konsum li kien ibbazat fuq stima ghalkemm nghid illi l-kera tal-meters baqghu jigu ccargjati sal-gurnata tal-lum. Nghid illi wara li ezaminajt l-istatements li ghadni kemm ezibejt, jirrizulta illi l-ahhar kont fejn jirrizulta illi inhareg kont ghall-konsum ibbazat fuq stima huwa dak ta' bejn l-14 ta' Lulju 2012 u s-6 ta' Ottubru 2012.

Mill-verifiki li ghamilt, jirrizulta illi l-ilma qatt ma gie sospiz u nghid illi, ghalkemm kelli nivverifika min kien hallas il-kont fil-5 ta' Marzu 2008, ma jirrizultalix min kienet il-persuna jew persuni illi ghamlet tali pagament. . .

Seduta Nru 8 . . .

**Kontro-ezami bil-gurament ta' Reuben Bonnici:**

Qed nirreferi ghall-kont li jkopri l-fond gewwa Triq Pitkali Attard (Kont 1010 0006 7559) u qed nintalab nghid jekk naqbilx illi l-kontijiet dejjem hargu f'isem Synirgene?
Le, bhala kontijiet, dawn dejjem hargu f'isem Dr Frank Portelli ta' "Synergy", Triq Pitkali Attard.

Qatt iccekkjajt jekk Dr Frank Portelli kienx xi shareholder jew direttur ta' Synergene?
Le, jiena qatt ma ccekkjajt

Qed nintalab nikkonferma jekk jiena, Dr Frank Portelli, kontx mort flimkien ma' certu Mrs Pace, segretarja ta' Synergene sabiex il-kontijiet jibdew johorgu f'isem Syniergene?
Iva, nikkonferma illi din it-talba kienet saret lil Water Services Corporation u t-talba kienet biex jinqaleb dan il-kont f'isem Synergene u infatti, kont esebejt il-formola relattiva (Dok XYZ1 ezibita fis-7 ta' Jannar 2015)

Inti taf jekk l-Enemalta Corporation qatt baghtet xi korrispondenza bil-miktub lil Dr Frank Portelli jew lil Synergene fejn infurmathom illi ma kinitx disposta taccetta t-talba sabiex jinqaleb il-kont?
Jiena nipprometti illi nerga' nivverifika jekk qattx intbaghtet korrispondenza ta' din ix-xorta, biss inzid nghid illi l-kontijiet ta' Synirgene dejjem intbaghtu f'isem Frank Portelli fl-indirizz 304, Villa Helen, Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar.

Qed nintalab nikkonferma minn liema data dawn il-kontijiet bdew jintbaghtu fl-indirizz li ghadni kemm semmejt u jiena nghid illi, mid-dokumenti f'idejja llum, nista' nikkonferma illi l-fattura datata 6 ta' Frar 2008 intbaghtet f'dan l-indirizz. Skont l-istatement li qed naqra minnu u li jiena ser nesebixxi, is-servizz tad-dawl gie sospiz fil-11 ta' Settembru 2006. Kopja ta' dan l-istatement konsistenti minn notamenti nterni li jinzammu dwar sospenzjoni tas-servizz jew emendi fil-kont qed jigi esebit bhala Dok MNO. Qed nesebixxi wkoll kopja tal-fattur tas-6 ta' Frar 2008 bhala Dok MNO1.

Qed nintalab nikkonferma illi l-kontijiet fuq dan l-account partikolari baqghu johorgu wara l-11 ta Settembru 2006 u cioe' wara li gie sospiz s-servizz u jiena nikkonferma illi dawn il-kontijiet baqghu johorgu u naghmel referenza ghad-dokumentazzjoni esebita minni waqt l-ahhar seduta minn fejn jirrizulta illi l-ahhar

kont li esebejt huwa datat 27 ta' Marzu 2015. Nghid ukoll illi jista' jaghti l-kaz ukoll illi, minn dakinhar sal-lum, inhargu kontijiet ohra izda m'esebejthomx.

Qed jigi suggerit lili illi, minkejja illi hemm timbru fuq Dok XYZ 1 li jgib id-data tal-21 ta' Ottubru 2005, illi jiena u l-persuna l-ohra konna morna fizikament sabiex nipprezentaw din il-formola ferm qabel.
Ghal dan is-suggeriment, jiena nghid illi t-timbru jindika illi din il-formola waslet fir-registru tal-Water Services Corporation bil-posta f'dik id-data. M'hemmx records illi xi hadd mar fizikament b'din it-talba. Qed jigi suggerit lili wkoll illi ahna konna morna fizikament f'Spencer Hill il-Marsa sabiex nipprezentaw il-formola u jiena nghid illi, dak iz-zmien, kien hemm l-ufficini tal-Enemalta Corporation u dawn ma kenux jipprocessaw talbiet ta' din ix-xorta.

Qed tigi murija lili l-kopja tal-formola (Dok XYZ 1) u qed nintalab nikkonferma illi thallset is-somma ta' mitejn lira Maltin u jiena qed naqra testwalment minn notament li hemm fuq l-istess formola li tghid "to transfer by ammd when new tenant pd Lm200 deposit"

Seduta Nru 9 . . .

**Reuben Bonnici bil-Malti u bil-gurament ighid:**

Qed issirli riferenza ghall-dak illi ppromettejt illi nivverifika meta xhedt in kontro-ezami nhar it-22 ta' Lulju 2015 dwar korrispondenza bejn il-Korporazzjoni Enemalta u Synirgene u jiena nghid illi, kif ippromettejt ruhi, jiena ergajt ghamilt il-verifiki mal-file relattiv tal-ARMS u nerga' nikkonferma illi ma rrizultatli ebda korrispondenza bejn ARMS u Dr Frank Portelli rigward it-talba. Pero', nikkjarifika illi jiena ma ccekkjajtx jekk kienx hemm xi korrispondenza direttament mal-Enemalta Corporation fuq din il-kwistjoni.

Nghid ukoll illi, mill-ahhar seduta 'l hawn regghu saru pagamenti akkont u nikkonferma illi, illum il-gurnata, l-ebda ammont m'ghadu dovut fuq l-ammont reklamat fuq erba' kontijiet f'isem Dr Frank Portelli izda ghad hemm kont wiehed li jgib in-numru 101000067559 fejn l-ammont reklamat huwa fis-somma ta' €11,253.10 oltre l-ispejjez tal-arbitragg u l-imghaxijiet skont l-istess talba.

Kontro-ezami

Qed nigi mistoqsi il-ghala m'ghamiltx il-verifiki ukoll mal-Korporazzjoni Enemalta u jiena nghid illi huwa kkumplikat biex wiehed jottjeni file minghand l-Enemalta u, oltre dan, jidhrili illi jkun ahjar jekk jitla' jixhed xi rapprezentant mill-Enemalta f'dawn il-proceduri. Pero, nghid illi l-applikazzjoni sabiex isir trasferiment tal-persuna responsabbli ghall-meter saret lil Water Services Corporation u mhux lill-Enemalta u kopja ta' din il-formola kienet fil-file tal-ARMS.

Nikkonferma illi l-ammont reklamat jirrapprezenta kera ta' meters u nteressi, u mhux ta' konsum, peress illi d-dawl kien maqtugh. Nghid illi, ghall-perjodu partikolari, baqghu johorgu kontijiet ibbazati fuq stimi izda, imbaghad, sar reading u l-kont kien gie rivedut. ….'

Illi konsegwenza tax-xhieda suesposta u wara li l-Qorti rat il-provi u d-dokumenti kollha fl-atti jirrizultalha li fil-mori tas-smiegh tal-arbitragg l-intimat hallas dak kollu dovut minnu fuq il-kontijiet li ma kienux kontestati minnu bhala li kien il-legittimu kontradittur taghhom izda baqa' dovut l-ammont relattiv ghall-kont bin-numru 101000067559 fis-somma ta' hdax-il elf mitejn u tlieta u hamsin Euro u

ghaxar centezmi (€11,253.10) oltre l-ispejjez tal-arbitragg u l-imghaxijiet skont l-istess talba. Dwar dan il-kont li jirreferi ghall-kwistjoni tal-fond bl-isem ta' Synergene l-intimat appellat qajjem l-eccezzjoni li ma hux il-legittimu kontradittur fir-rigward w'ghalhekk id-decizjoni tal-arbitragg iffokat fuq dan il-punt li kien ghadu in konstestazzjoni bejn il-partijiet.

9. Illi l-Arbitru waslet ghad-decizjoni taghha dwar il-kwistjoni tal-kont tas-Synergene u jekk l-intimat kellux jigi kkunsidrat bhala l-legittimu kontradittur fic-cirkustanzi kif isegwi:

**'Ikkunsidra,**

Illi ghandu jinghad illi ghalkemm is-somma reklamata mir-rikorrenti fl-avviz kienet tkopri numru ta' meters u s-somma pretiza meta gew istitwiti dawn il-proceduri ta' arbitragg, u ghalhekk kien ferm ikbar, saru diversi pagamenti akkont tul dawn il-proceduri, bil-konsegwenza illi, illum, is-somma pretiza giet ridotta mir-rikorrenti ghas-somma ta' hdax-il elf mitejn u tlieta u hamsin Euro u ghaxar centezmi (€11,253.10), liema somma tirrapprezenta l-konsum tal-ilma u elettriku kif ukoll il-kera tal-meters in konnessjoni mal-kont li jgib in-numru 101000067559. Dan il-kont jirrigwarda l-fond bl-indirizz "Synergene", Triq il-Pitkali Attard;

Ghalhekk, l-Arbitru sottoskritta ser tghaddi sabiex tikkunsidra t-talba tar-rikorrenti limitatament ghal dak li jirrigwarda l-pretensjonijiet fi-rigward ta' dan il-meter partikolari.

Illi fir-risposta tieghu datata 6 ta' Awwissu 2014, l-intimat eccepixxa illi l-kont huwa f'isem ta' Synergene u mhux f'ismu u li, ghalhekk, huwa ma kienx il-legittimu kontradittur billi, se mai, it-talba tar-rikorrenti kellha tigi diretta fil-konfront ta' Synergene Limited.

L-intimat jispjega illi huwa ma kellu ebda konnessjoni mal-kumpannija Synergene Ltd u qatt ma kien direttur jew xi azzjonist izda din il-kumpannija kienet kriet il-fond in kwistjoni minghandu. Huwa jkompli jikkontendi illi huwa qatt m'assuma xi dejn ta' Synergene Limited.

In subsidium, l-intimat jeccepixxi wkoll illi l-Korporazzjoni Enemalta kienet nehhiet is-servizz tad-dawl u tal-ilma li kien iforni dan il-fond fis-sena 2008 u ghalhekk, ma kienx sostenibbli illi, fl-istess waqt, kienet qed tippretendi hlas tal-kera tal-meters. Huwa jikkontendi illi kien ittiehed qari mill-Korporazzjoni Enemalta u Synergene kienet saldat kull ammont li kien pendenti sa dakinhar.

Jirrizulta illi Reuben Bonnici, rapprezentant u mpjegat tas-socjeta' rikorrenti, xehed kemm-il darba u estensivament dwar il-kont in kwistjoni. Huwa jispjega kif, wara li kienu saru diversi hlasijiet, il-bilanc reklamat kien jirrapprezenta biss il-kera tal-meters kif ukoll l-imghaxijiet fuq l-istess ammont.

L-intimat ma jikkontestax illi l-fond in kwistjoni li jinsab gewwa Pitkali Road, H'Attard jappartjeni lilu illi jikkontendi illi huwa mhuwiex il-legittimu kontradittur, peress illi jallega illi kien kera l-fond lis-socjeta Synergene Limited u li l-fond <u>li originarjament kien f'isem "Blue Cross" ossia Dr Frank Portelli</u>, (sottolinear tal-Arbitru) kien inkera lill-kumpannija Synergene Limited u li kienet saret applikazzjoni sabiex il-kont, u konsegwentement il-meters, ma jibqghux intestati f'ismu izda jkunu ntestati f'isem l-istess Synergene Limited.

Illi mhuwiex ikkontestat illi saret applikazzjoni ghat-trasferiment tal-kont f'isem Synergene tant illi kopja tal-applikazzjoni giet esebita mir-rikorrenti (Dok XYZ1). Minn ezami tal-kopja, jirrizulta illi l-intimat kien iddikjara illi kien hiereg mill-fond, filwaqt illi tirrizulta dikjarazzjoni da parti ta' certa Mamie Pace ghan-nom ta' Synergene Technologies Limited illi kienet ser tassumi r-responsabbilita' tal-kont in kwistjoni, li dak iz-zmien gie ndikat b'numru iehor. L-istess Pace tindika fil-formola illi l-post kien intiz sabiex jintuza mill-istess kumpannija Synergene Technologies Ltd.

L-applikazzjoni fiha wkoll timbru tal-Water Services Corporation li jindika illi din l-applikazzjoni kienet waslet ghand il-Korporazzjoni fil-21 ta' Ottubru 2005, u effettivament, jirrizulta illi din kienet fil-pussess tas-socjeta' rikorrenti li ghalhekk ixejjen kull dubbju jekk fil-fatt kenitx fil-pussess taghha. Oltre dan, jirrizulta minn dawn l-atti illi l-ebda wahda mill-partijiet mhija qed tiddubita jew tikkontesta l-awtenticita' ta' din l-applikazzjoni, u ghalhekk, l-Arbitru sottoskritta ukoll qed taghti piz lill-kontenut u l-ezistenza ta' din l-istess applikazzjoni.

Jirrizulta wkoll minn qari tal-istess applikazzjoni (Dok XYZ1) illi s-segwenti notament kienet takkompanja din l-istess applikazzjoni:

"**<u>Skont il-ligi, il-konsumatur registrat jibqa' responsabbli ghall-hlas tal-kontijiet ta' l-ilma dawl sakemm ma jimliex din il-formola, jiffirmaha u jibghatha lill-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma</u>**"

Illi jirrizulta illi l-intimat osserva dawn l-istruzzjonijiet moghtija mill-istess Korporazzjoni u jidher illi l-applikazzjoni giet accettata minnha, tant illi l-kont ma baqax intestat f'ismu izda l-kontijiet bdew johorgu f'isem "Synergene" u ovvjament, fl-istess indirizz. Fix-xhieda tieghu, ix-xhud Reuben Bonnici jipprova jispjega illi minkejja kollox, kien jonqos id-depozitu ta' mitejn lira Maltin (Lm200)

li qatt ma sar u,  skont hu, din kienet ir-raguni l-ghala s-socjeta' rikorrenti qatt ma qieset illi nholqot relazzjoni guridika gdida mas-socjeta' Synergene Technologies Limited izda kien ghadu legalment responsabbli l-intimat. Illi socjeta' rikorrenti tinsisti illi huwa l-intimat illi kien u baqa' responsabbli mill-kont in kwistjoni ghaliex, skont ix-xhieda ta' Reuben Bonnici:

"Nghid illi t-trasferiment qatt ma gie effetwat mill-Water Services Corporation minkejja illi Mannie Pace, bhala direttrici ta' Synergene Technologies Limited iddikjarat illi kienet ser tassumi r-responsabbilta' tal-kont in kwistjoni. Mistoqsija mill-Arbitru r-raguni ghal dan, jiena nghid illi Synergene Technologies Limited kienu sejrin jidhlu fil-fond bhala nkwilini u ghalhekk, kienet procedura li ghadha adottata sal-lum illi, t-trasferiment tal-kont huwa suggett ghall-hlas ta' depozitu ta' mitejn liri Maltin (Lm200) u f'dan il-kaz, tali depozitu qatt ma sar."

Illi din it-tezi espressa mix-xhud illi evidentement ma kienx involut fit-trasferiment tal-kont meta saret l-applikazzjoni, ma ssib ebda konferma meta mqabbel ma' dak ipprovdut fl-istess applikazzjoni dwar struzzjonijiet dwar trasferiment tal-kont. Anzi, jirrizulta illi l-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma kienet cara fl-avviz taghha espressa fl-ewwel faccata tal-istess applikazzjoni (Dok XYZ1) dwar x'kellu jaghmel il-konsumatur u sakemm kien jibqa' responsabbli ghall-kont il-konsumatur registrat. Dan qieghed jinghad fir-rigward tal-intimat illi mela l-forma, iffirmaha u accerta ruhu illi l-applikazzjoni ntbaghtet lill-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma, kif dirett mill-istess Korporazzjoni f'dawn l-istruzzjonijiet bil-miktub taghha. Jidher illi kien biss wara illi rceviet l-applikazzjoni illi l-Korporazzjoni mponiet kundizzjoni dwar id-depozitu ta' Lm200, liema depozitu qatt ma sar. Wiehed ghalhekk kien jistenna illi, se mai, din il-kundizzjoni kienet titnizzel mal-istruzzjonijiet l-ohra fil-formola ghat-trasferiment tal-kont izda din ma gietx inkluza. Ix-xhud jispjega fix-xhieda tieghu illi din kienet procedura tal-Korporazzjoni illi ghadha fis-sehh sal-lum izda l-

applikazzjoni ma tghid xejn dwar dan u ma timponi ebda struzzjoni f'dan is-sens fl-applikazzjoni taghha.

Ma ngiebet ebda prova illi din il-kundizzjoni dwar id-depozitu kienet wahda tassattiva u li kienet ingiebet a konjizzjoni tal-konsumatur, Dr Frank Portelli, qabel (sottolinear tas-sottoskritta) ma applika ghat-trasferiment tal-kont. Lanqas ma ngiebet imqar prova illi l-intimat kien infurmat b'tali rifjut. B'hekk, jirrizulta illi l-intimat ottempera ruhu mal-kundizzjonijiet kollha mposti, il-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma accettat it-talba ghal trasferiment tant illi bidlet isem il-persuna li lilha kien intestat il-kont, u ghalhekk, l-Arbitru huwa tal-fehma illi l-Korporazzjoni ma setghetx timponi unilateralment kundizzjonijiet ulterjuri wara illi Dr Frank Portelli segwa *ad litteram* u b'mod shih l-istruzzjonijiet taghha stess.

Din it-tezi ssib konfort ukoll b'riferenza ghall-Artiklu 1057 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi hekk:

"***Kull kondizzjoni ghandha tigi esegwita kif il-partijiet aktarx riedu u fehmu li ghandha tigi esegwita***."

Il-ftehim bejn il-partijiet kien konkluz hekk kif l-intimat esegwixxa l-istruzzjonijiet imposti mill-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma u konsegwentement, huwa nutli illi l-Korporazzjoni tikkontendi llum illi l-ftehim qatt ma sehh minhabba n-nuqqas ta' depozitu ta' Lm200. L-intimat kien ragonevolment tenut illi jikkunsidra illi l-kont kien gie trasferit u r-rikorrenti ma gabet ebda prova li jikkuntrasta dan.

Konsegwentement, jigi konkluz illi l-intimat Dr Frank Portelli mhuwiex il-legittimu kontradittur fir-rigward tal-bilanc mis-sorte pretiz mir-rikorrenti.'

Konsegwentement l-arbitru ghaddiet sabiex tiddeciedi billi ddikjarat li l-intimat ma kienx il-legittimu kontradittur ghas-somma li kienet ghadha pretiza mis-socjeta' appellanti kif gia suespost.

**9. L-aggravju**

Illi permezz tal-aggravju taghha s-socjeta' appellanti in succinct tikkontendi kif isegwi:

a. Illi l-Arbitru ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkuzjoni li l-intimat Dr. Frank Portelli ma kienx il-legittimu kontradittur ghall-pretensjoni dwar il-kont rimanenti 101000067559 identifikat bhala l-kont tas-Synergene;

b. Illi s-socjeta' appellanti ssostni li rrizulta mill-provi prodotti li l-kont imsemmi, fil-prezent u dejjem baqa' registrat fuq isem l-appellat Dr. Frank Portelli u dan stante l-fatt li l-kont qatt ma gie trasferit fuq id-direttrici tal-kumpanija Synergene Technologies Limited ghalkemm fuq il-formola ta' trasferiment, li l-partijiet jaqblu li giet intavolata, hija kienet iddikjarat li ser tassumi r-responsabbilta' tal-kont in kwistjoni;

c. Is-socjeta' appellanti tinsisti li n-nuqqas kien da parti tal-appellat stess li fuqu kien registrat il-kont li ma hax hsieb li s-somma ta' mitejn Euro (€200), li s-socjeta' tinsisti li kellha tithallas sabiex jigi effetwat it-

trasferiment, tigi fil-fatt imhallsa. Fl-aggravju taghha s-socjeta' appellanti ssostni testwalment:

'Ir-relazzjoni guridika ta' bejn is-socjeta' appellanti u l-appellat certament ma tistax tintemm sempliciment meta dan jibghat il-formola relattiva tieghu. Din tintemm biss hekk kif appena il-persuna/socjeta' li fuqha ser ikun qed jigi trasferit il-kont tottepera mal-kundizzjonijiet kollha impost fuqha. Li kieku jigi adottat ir-ragunament zbaljat tal-Ewwl Qorti, dan ikun ifisser illi fil-perjodu bejn meta tigi ricevuta l-applikazzjoni minn min qed jittrasferixxi u meta dak li fuqu qed jigi trasferit il-kont jottempera mal-kundizzjonijiet kollha, is-socjeta' appellanti ma jkollha relazzjoni guridika ma' hadd. Dan ma jista' qatt ikun il-kaz u ghalhekk kien jispetta mill-appellat illi jaccerta illi mhux biss ihares il-kundizzjonijiet kollha izda sahansitra jassigura illi Synergene Limited jaghmlu hekk ukoll. Il-kundizzjoni ta' hlas ta' depozitu fis-somma ta' mitejn Ewro (€200) ilha tigi adottata zmien twil u ghalhekk in-nuqqas ta' ottemperanza da parti ta' Synergene Limited indubbjament ghandha tfisser illi t-trasferiment ma sehh qatt, irrispettivament minn kwalunkwe dikajrazzjoni mid-direttrici, Mannie Pace. Kien jispetta mill-appellat illi jaccerta ruhu minn dan kollu.!'

d. Is-socjeta' appellanti ssegwi l-argument billi ssostni li kieku l-appellat ma kienx il-legittimu kontradittur kien jinkombi fuqu li fil-proceduri jitlob il-kjamat fil-kawza tas-socjeta' Synergene Limited.

Tinsisti ghalhekk li hija l-uniku relazzjoni li ghandha hi dik mal-appellat Dr. Frank Tabone u ma hadd aktar.

e. Finalment is-socjeta' appellanti sostniet li pendenti l-appell il-pozizzjoni tal-appellat baqghet taggrava stante li l-ammont dovut fuq il-kont in kwistjoni baqa' jizdied u ssostni li tela' ghas-somma ta' tnax-il elf, hames mija u wiehed u disghin Euro u sitt centezmi (€12,591.06).

10. Illi l-appellat fir-risposta tieghu jinsisti fuq l-insostenibilita' tal-aggravju tas-socjeta' appellanti, in succint, kif isegwi:

a) Illi l-appellat ma kellu ebda tort li s-socjeta' appellanti bhala 'service provider' naqset milli ddawwar il-kont in kwistjoni minn fuq l-appellat ghal fuq Synergene Limited.

b) Jinsisti li huwa ghamel dak kollu rikjest minnu sabiex isir it-trasferiment, kif iddecidiet l-Arbitru fid-decizjoni appellata, cioe' dak li kien hemm mitlub fuq il-formola in kwistjoni huwa ghamlu. Referenza f'dan l-istadju ssir ghall-formola esebita bhala dokument XYZ1 fl-atti tal-arbitragg u l-kliem:

'Skont il-ligi, il-konsumatur registrat jibqa' responsabbli ghall-hlas tal-kontijiet ta' l-ilma dawl sakemm ma jimliex din il-formola, jiffirmaha u jibghatha lill-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma.'

c) Dwar is-sottomissjoni tas-Socjeta' appellanti li kellu jkun l-appellat li jitlob il-kjamata fil-kawza tas-socjeta' Synergene Limited, l-appellat jinsisti li l-uniku interess li huwa kellu kien li jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju ghaliex skont hu gie imharrek inutilment. Izid li kien se mai fl-interess tas-socjeta' appellanti stess li tikkjama fil-kawza lis-Socjeta' Synergene Limited u mhux tieghu partikolarment stante li l-kontijiet kienu effettivament bdew jintbaghtu fil-fond tas-Synergene.

**Ikkunsidrat:**

11. Illi mhux kontestat bejn il-partijiet li effettivament il-formola ghat-trasferiment tas-servizz giet intavolata u ricevuta mill-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma kif jidher mit-timbru fuq l-istess formola datat 21 ta' Ottubru, 2005. Dak li ma jaqblux fuqu l-partijiet huwa jekk is-success ta' din l-applikazzjoni u cioe' li jsir it-trasferiment, kienx jiddependi fuq hlas ta' €200 kif issostni s-socjeta' appellanti. L-intimat appellat jinsisti li dan il-hlas ma kienx indikat fuq il-formola u qatt ma gie nfurmat li l-applikazzjoni kienet giet sospiza pendenti dan il-hlas.

12. Illi jirrizulta wkoll lill-Qorti li mhux kontestat mill-intimat li sal-mument li giet intavolata l-formola in kwistjoni l-kont in kwistjoni kien isejjah lilu. Fir-risposta tieghu datata 6 ta' Awissu, 2014 l-appellat, originarjament quddiem l-arbitru, dwar dan il-kont partikolari ssottometta kif isegwi:

‘First Instance

This Account is in the name of Synergene.

Dr Frank Portelli has no legal liability with regards to Synergene as he has never been a Director of the Said Company nor even a shareholder of the same company.

Any contractual liability is between Synergene a limited liability company and Enemalta.

Synergene Ltd is a limited liability company which operated its business from the Blue Cross Premises commencing in 2004.

The Blue Cross property was leased by Synergene in 2003 from Dr Frank Portelli the owner of the property.

Enemalta has always issued its claims for Water and Electricity bills in the name of Synergene and not in the name of Dr Frank Portelli.

Dr Frank Portelli has never assumed any liability on behalf of Synergene nor is he authorized to do so.

Second Instance

In 2008 Enemalta disconnected the Water and Electricity supply to the premises in question.

This action on the part of Enemalta rendered the water and electricity meters impotent to perform their intended use.

Enemalta cannot render a meter useless and at the same time claim rental for the use of the same meter.

Third Instance

At the end of 2007 an actual reading was taken by Enemalta and Synergene settled all outsanding bills on this account.

A payment for the full amount invoiced i.e. Euros 4350.80 (Four thousand and three hundred fifty euros eight cents) was made by Synergene in full and final settlement.

Cheque 012255
Receipt Date 5/3/2008
Post Office Receipt SPB 030 45918

Conclusion

1. Dr Frank Portelli is not liable for any dues on this account
2. In any Case All Dues for actual water and electricity consumption due up to the end of 2007 were settled by Synergene after which period the metres were disconnected by Enemalta.'

Rat li mill-verbali quddiem l-Arbitru, nonostante li l-intimat gie mitlub diversi drabi sabiex jipprezenta dokumentazzjoni li tissostanzja dak li jissottometti fir-risposti tieghu huwa ddikjara ghal darba darbtejn li ma kellux.

13. Rat illi ma hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet li l-intimat kien u ghadu s-sid tal-fond in kwistjoni fejn inghata s-servizz u fejn jinsabu l-metres. Rat ukoll l-istatement li jirreferi ghall-kont in kwistjoni bin-numru 101000067559 li jkopri l-perjodu bejn it-30 ta' April, 2002 u u 12 ta' Gunju, 2014 esebit bhala dokument RB 2 nhar it-30 ta' Mejju, 2014 u ma sabet ebda pagament bl-ammont indikat fir-risposta tal-intimat fid-data ndikata minnu. Ivverifikat izda li fir-risposta tieghu l-intimat ddikjara nekwivokalment li skont hu s-socjeta' Synergene hallset 'in full and final settlement' dak kollu dovut sas-sena 2007 lis-socjeta' appellanti. Dan ifisser li minn dak il-mument 'il quddiem il-fond rega' rreverta ghandu kif ukoll gie spjegat lil din il-Qorti waqt it-trattazzjoni tal-appell. Dan ma giex kontestat mill-istess appellat li kkonferma waqt it-trattazzjoni quddiem il-Qorti li s-socjeta' Synergene Ltd. ilha li harget mill-fond in kwistjoni u li dan issa rega' jinsab fil-pussess tieghu. Dan neccessarjament jipprova lil din il-Qorti li allura l-

argument tal-formola tat-trasferiment seta' biss japplika sal-mument li s-socjeta' baqghet topera mill-fond in kwistjoni u mhux wara kif jirrizulta li huwa l-kaz odjern. Appuntu huwa dan il-punt li l-arbitru naqset li tiehu konjizzjoni tieghu fid-decizjoni taghha. La darba huwa l-istess appellat li jsostni li s-socjeta' hallset dak dovut minnha lis-Socjeta' appellanti, isegwi li dak li mhux mhallas sal-lum huwa dovut minnu personali bhala sid il-fond u li ghandu l-pussess tal-istess fond kif ammess minnu stess fit-trattazzjoni quddiem din il-Qorti. Hawnhekk jaqa' l-argument imqajjem mill-intimat appellat li huwa mhux il-legittimu kontradittur ghall-ammont dovut w'ghalhekk l-aggravju tas-socjeta' appellanti jirrizulta gjustifikat filwaqt li ghalhekk l-eccezzjoni kellha tigi michuda.

14. Illi l-Qorti rat ukoll mid-dokumentazzjoni kollha esebita illi l-kont in kwistjoni baqa' jizdied, nonostante li l-partijiet jaqblu li s-servizz gie sospiz, stante li ma' kull kont il-konsumatur huwa rikjest ihallas ghall-kera 'service charge' tal-metres tal-dawl u l-ilma rrilevantament jekk dawn hux qed jintuzaw jew le. Il-partijiet jaqblu fil-fatt li dawn ghadhom fuq is-sit izda s-servizz huwa maqtugh. Stante illi l-ammont dovut baqa' jizdied unikament stante l-'kera' jew 'service charge' dovuti fuq il-metres li ghadhom jinsabu fis-sit il-Qorti ma tqisx il-kontestazzjoni tal-hlas taghhom da parti tal-intimat bhala wahda legalment valida. Jekk l-intimat ma riedx li l-kera tal-istess ma tibqax tigi ddebitata lilu kellu jaghmel il-proceduri kollha rikjesti sabiex dawn jigu rimossi mill-fond u mhux ihallihom hemm.

15. Illi dwar l-ammont dovut lis-socjeta' appellanti mill-appellat l-Qorti rat li fl-atti tressqet il-prova tas-somma dovuta ammontanti ghal hdax-il elf, mitejn u tlieta u hamsin Euro u ghaxar centezmi (€11,253.10) kif konfermat mix-xhud rapprezentant tas-socjeta' appellanti Reuben Bonnici u sopportat mid-dokumentazzjoni esebita. L-ammont indikat fir-rikors tal-appell cioe' dak ta' tnax-il elf, hames mija u wiehed u disghin Euro u sitt centezmi (€12,591.06) ma tressqitx prova fuqu u ma jirrizultax li kien jifforma parti mit-talba originali quddiem l-Arbitru. Ghaldaqstant din il-Qorti filwaqt li ser tghaddi sabiex tikkonferma lill-intimat appellat debitur tas-socjeta' appellanti ghas-somma ta' hdax-il elf, mitejn u tlieta u hamsin Euro u ghaxar centezmi (€11,253.10) u thalli mregudikati l-pretensjonijiet tas-socjeta' appellanti fir-rigward ta' ammonti li setghu saru dovuti wara.

**Decizjoni**

**Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti, din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' w'tiddeciedi l-appell interpost billi tichad l-eccezzjoni tad-dezerzjoni mqajjma mill-intimat appellat, tichad il-bqija tar-risposta tal-appellat, tilqa' l-aggravju tas-socjeta' appellanti u cioe' tilqa' l-appell interpost, tirrevoka, thassar u tannulla d-decizjoni appellata f'dik il-parti fejn laqghet l-eccezzjoni tal-intimat D. Frank Portelli li mhuwiex il-legittimu kontradittur fir-rigward tal-bilanc mis-sorte pretiz mis-socjeta' rikorrenti appellanti, tiddikjara li l-**

**intimat appellat Dr. Frank Portelli huwa l-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri w'ghar-ragunijiet suesposti tiddikjarah debitur tas-socjeta' attrici fis-somma ta' hdax-il elf, mitejn u tlieta u hamsin Euro u ghaxar centezmi (€11,253.10), tikkundannah ihallas is-somma ta' hdax-il elf, mitejn u tlieta u hamsin Euro u ghaxar centezmi (€11,253.10) lis-socjeta' rikorrenti appellanti bl-imghax skont it-talba, filwaqt li tikkonferma d-decizjoni appellata ghal dak li huwa kap tal-ispejjez.**

**Bl-ispejjez kollha ta' din l-istanza kontra l-intimat appellat.**

(ft.) **Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**Imhallef**

**(ft.) Maureen Xuereb**
**Deputat Registratur**

**Vera kopja**

**D/Registratur**